A.L. 273 ta' l-2002

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP.12)

Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 81A u 87A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali. Titlu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu ħekk stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti u disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra – Tifsir.

"awtorità nominata" ikollha t-tifsir mogħti lilha taħt Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, u fir-rigward tal-professjoni legali, tirreferi għall-President ta' Malta;

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja stabbilita bl-artikolu 101A tal-Kostituzzjoni;

"eżerċizzju effettiv u regolari" tfisser l-eżerċizzju attwali ta' l-attività mingħajr ebda interruzzjoni ħlief dik li tirriżulta mill-ġrajjiet tal-ħajja ta' kuljum;

"professjoni legali" tfisser persuna li tkun ċittadin ta' Stat li jkollu Ftehim u li tkun awtorizzata teżerċita l-attivitajiet

professjonali tagħha taħt xi wieħed mit-titli professjonali li jikkorrispondu għal dak ta' professjonist legali u prokuratur legali li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minn żmien għal żmien, fi Skedi ma' dawn ir-regolamenti u "professjoni legali" għandha tiftiehem skond ħekk;

"Stat domestiku li jkollu Ftehim" tfisser l-Istat li jkollu Ftehim fejn professjonist legali ikun kiseb id-dritt li juża xi wieħed mit-titli professjonali li jistgħu jkunu speċifikati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja minn żmien għal żmien, fi Skedi ma' dawn ir-regolamenti;

"titlu professjonali li jintuża f'pajjiżu" tfisser it-titlu professjonali użat fl-Istat li jkollu Ftehim fejn professjonist legali ikun kiseb id-dritt li juża dak it-titlu qabel ma jibda jeżerċita l-professjoni legali f'Malta;

"titlu professjonali rilevanti" jew "professjoni rilevanti" tfisser it-titlu professjonali jew il-professjoni regolata mill-awtorità nominata f'Malta.

Dritt ta' prattika taħt it-titlu professjonali li jintuża f'pajjiżu.

3. Professjonist legali ikollu jedd jeżerċita fuq bażi permanenti jew temporanja f'Malta taħt it-titlu professjonali li jkun jintuża f'pajjiżu, dawk l-attivitajiet speċifikati fir-regolament 7.

Reġistrazzjoni ma' l-awtorità nominata.

4. (1) Professjonist legali li jkun irid jipprattika f'Malta għalkemm ikun kiseb il-kwalifika professjonali tiegħu fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim għandu jirreġistra ruħu ma' l-awtorità nominata.

(2) L-awtorità nominata għandha tirreġistra lill-professjonist legali malli dan jippreżenta ċertifikat li jkun jixhed għar-reġistrazzjoni tiegħu ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat lokali domestiku li jkollu Ftehim.

(3) L-awtorità nominata tista' titlob li, meta tiġi ppreżentata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat domestiku li jkollu Ftehim, iċ-ċertifikat ma jkunx ilu li ħareġ iżjed minn tliet xhur qabel.

(4) L-awtorità nominata għandha tgħarraf lill-korp li jkun kontroparti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim bir-reġistrazzjoni f'Malta.

Prattika taħt it-titlu professjonali li jintuża f'pajjiżu.

5. (1) Meta professjonist legali ikun qiegħed jeżerċita f'Malta taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu, dak it-titlu għandu jkun espress fl-ilsien uffiċjali jew f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Istat domestiku li jkollu Ftehim, b'mod intelliġibbli u b'dak il-mod li jkun jevita konfużjoni mat-titlu professjonali użat f'Malta.

(2) Għall-fini ta' l-applikazzjoni tas-subregolament (1), l-awtorità nominata tista' titlob lil professjonist legali li jkun qed jipprattika taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu, jindika liema jkun il-korp professjonali li huwa jkun membru tiegħu fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim, jew liema tkun l-awtorità ġudizzjarja li huwa jkollu jedd jeżerċita quddiemha konformement mal-liġijiet ta' l-Istat domestiku li jkollu Ftehim.

(3) L-awtorità nominata tista' wkoll teħtieġ lil professjonist legali li jkun qed jeżerċita taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu, jinkludi riferenza għar-reġistrazzjoni tiegħu ma' l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat.

Trattament ugwali daqs professjonist legali f'Malta

6. (1) Professjonist legali li jkun jeżerċita taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu f'Malta jista', f'kull waqt, japplika biex ikollu l-grad tiegħu rikonoxxut skond Taqsima 1 tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali, bil-għan li jikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta u li jeżerċitaha taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta u ma għandux jibda hekk jeżerċita qabel ma jkun kiseb dak ir-rikonoxximent.

(2) Professjonist legali li jipprattika taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu li jkun effettivament u regolarment eżerċita għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin attività f'Malta li tirrigwarda l-liġi ta' Malta għandu, bil-għan li jikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta, ikun eżentat mill-awtorità nominata mill-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 9(2) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali.

(3) Tkun ir-responsabbiltà tal-professjonist legali involut li jissupplixxi lill-awtorità nominata prova ta' dak l-eżerċizzju regolari effettiv għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin ta' xi attività fil-liġi ta' Malta. Għal dak l-iskop:

(a) il-professjonist legali għandu jagħti lill-awtorità nominata kull informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti, notevolment dwar l-għadd ta' suġġetti li jkun ittratta u x-xorta tagħhom;

(b) l-awtorità nominata tista' tivverifika ix-xorta effettiva u regolari ta' l-attività eżerċitata u tista', jekk ikun meħtieġ, titlob lill-professjonist legali jipprovdi, bil-fomm jew bil-miktub, kjarifika jew dettalji ulterjuri dwar l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafu (a).

(4) Meta ma tingħatax eżenzjoni skond is-subregolamenti (2) u (3), l-awtorità nominata għandha taħti r-raġunijiet tagħha għal dak ir-rifjut u jkun jista' jsir appell minn kull deċiżjoni li tittieħed quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki stabbilit taħt l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki.

(5) Professjonist legali li jippratika taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu li jkun effettivament u regolarment eżerċita xi attività professjonali f'Malta għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin imma għal perjodu iqsar fil-liġi ta' Malta jista' jikseb mingħand l-awtorità nominata dhul fil-professjoni legali f'Malta u d-dritt li jeżerċita taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta mingħajr ma jkollu jħares il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 9(2) tar-Regolamenti ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali, taħt il-kondizzjonijiet u skond il-proċeduri stabbiliti hawn isfel:

(a) L-awtorità nominata għandha tqis kull attività professjonali effettiva u regolari eżerċitata matul il-perjodu hawn qabel imsemmi u kull għarfien u esperjenza professjonali tal-liġi ta' Malta, u kull attendenza f'*lectures* jew *seminars* fuq il-liġi ta' Malta, inklużi r-regoli li jirregolaw il-prattika u l-imġieba professjonali.

(b) Il-professjonist legali għandu jipprovdi lill-awtorità nominata kull informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti, b'mod partikolari fuq is-suġġetti li huwa jkun ittratta. Għandha ssir stima ta' l-attività effettiva u regolari tal-professjonist legali f'Malta u stima ta' l-abbiltà tiegħu li jkompli dik l-attività li jkun eżerċita għandha ssir permezz ta' intervista ma' l-awtorità nominata sabiex tiġi verifikata x-xorta regolari u effettiva ta' l-attività eżerċitata.

(6) Meta ma tingħatax awtorizzazzjoni skond is-subregolament (5), l-awtorità nominata għandha taħti r-raġunijiet tagħha għal dak ir-rifjut, u jista' jsir appell mid-deċiżjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, stabbilit taħt l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki.

(7) L-awtorità nominata tista', b'deċiżjoni motivata li jista' jsir appell minnha quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki stabbilit bl-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, tirrifjuta milli tippermetti lill-professjonist legali il-benefiċċju tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jekk din tikkonsidra li dan ikun imur kontra l-interess

pubbliku, b'mod partikolari minħabba fi proċedimenti dixxiplinari, ilmenti jew inċidenti ta' kull xorta.

(8) L-awtorità nominata li tkun responsabbli biex tikkonsidra l-applikazzjoni għandha tippreserva l-konfidenzjalità ta' kull informazzjoni riċevuta.

(9) Professjonist legali li jikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta skond is-subregolamenti (1) sa (6) ta' dan ir-regolament ikollu jedd juża t-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu, kif espress fl-ilsien uffiċjali jew f'xi wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Istat domestiku li jkollu Ftehim, flimkien mat-titlu professjonali li jkunu jikkorrispondi għall-professjoni legali f'Malta.

Area ta' attività.

7. (1) Professjonist legali li jkun qed jipprattika taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu, jibqa' għaddej bl-istess attivitajiet professjonali bħala professjonist legali li jkun qed jipprattika taħt it-titlu professjonali rilevanti użat f'Malta u jista, fost affarijiet oħra, jagħti pariri fuq il-liġi ta' l-Istat domestiku li jkollu Ftehim, fuq id-dritt internazzjonali u fuq il-liġi f'Malta. Huwa għandu f'kull każ iħares ir-regoli ta' proċedura applikabbli fil-qrati ta' Malta.

(2) Professjonisti legali li jkunu qegħdin jeżerċitaw taħt titlu professjonali li jintuża f'pajjiżu ma għandhomx jeżerċitaw bħala Nutar Pubbliku f'Malta.

(3) Għall-eżerċizzju ta' attivitajiet li jirrigwardaw ir-rappreżentazzjoni jew id-difiża ta' klijent fi proċedimenti legali u sakemm il-liġi f'Malta tkun tirriserva dawk l-attivitajiet għal professjonisti legali li jeżerċitaw taħt it-titlu professjonali rilevanti f'Malta, l-awtorità nominata għandha tkun teħtieġ lill-professjonisti legali li jeżerċitaw taħt it-titli professjonali ta' pajjiżhom li jaħdmu flimkien ma' professjonisti legali li jeżerċitaw quddiem il-Qrati ta' Malta u li jkunu, meta jkun hekk meħtieġ, tenuti responsabbli quddiem dawk il-qrati.

Regoli ta' mġieba professjonali applikabbli.

8. Irrespettivament mir-regoli ta' mġieba professjonali li professjonist legali jkun soġġett għalihom fi Stat domestiku li jkollu Ftehim, professjonist legali li jkun jeżerċita taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu għandu jkun soġġett għall-istess regoli ta' mġieba professjonali bħala professjonisti legali li jeżerċitaw taħt it-titlu professjonali rilevanti f'Malta fir-rigward ta' l-attivitajiet li jeżerċita f'Malta.

Proċedimenti dixxiplinari.

9. (1) Fil-każ ta' nuqqas minn professjonist legali li jkun jeżerċita taħt it-titlu professjonali domestiku tiegħu li jwettaq l-

obbligazzjonijiet li jkunu fis-seħħ f'Malta, għandhom japplikaw ir-regoli ta' proċedura, penalitajiet u rimedji li hemm provdut dwarhom f'Malta.

(2) Qabel ma jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra professjonist legali li jkun jeżerċita taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim kemm jista' jkun malajr, billi jibgħatlu d-dettalji kollha rilevanti.

(3) Is-subregolament (2) għandu japplika *mutatis mutandis* meta proċedimenti dixxiplinari jkunu ġew mibdija mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat domestiku li jkollu Ftehim, li għandu jgħarraf lill-Kummissjoni skond hekk.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-setgħa li għandha li tagħmel deċiżjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkoopera matul il-proċedimenti dixxiplinari kollha ma' l-awtorità kompetenti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tieħu dawk il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-awtorità kompetenti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim tkun tista' tagħmel sottomissjonijiet quddiem il-korpi responsabbli għas-smigħ ta' l-appell.

(5) L-awtorità kompetenti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim għandha tiddeċiedi liema azzjoni għandha tittieħed, taħt ir-regoli proċedurali u sostantivi tagħha, fil-qies ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar professjonist legali li jkun jeżerċita taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu.

(6) Għalkemm ma jkunx prerekwiżit għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-irtirar temporanju jew permanenti mill-awtorità kompetenti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim, ta' l-awtorizzazzjoni li tiġi eżerċitata l-professjoni għandu awtomatikament iwassal lill-professjonist legali involut li jkun temporanjament jew permanentement projbit milli jeżerċita taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu f'Malta.

Prattika li dwarha jithallas salarju.

10. Professjonist legali reġistrat f'Malta taħt it-titlu professjonali tiegħu li jintuża f'pajjiżu jista' jeżerċita bħala professjonist legali li jithallas salarju fil-waqt li jkun impjegat ma' xi professjonist legali ieħor, assoċjazzjoni jew ditta ta' professjonisti legali, jew impriża pubblika jew privata daqstant kemm l-awtorità nominata tkun hekk tippermetti dwar professjonisti legali reġistrati taħt it-titlu professjonali użat f'Malta.

Deċiżjoni ta' l-awtorità nominata u appell.

11. (1) L-awtorità nominata għandha tqis applikazzjoni kemm jista' jkun malajr daqskemm ikun raġonevolment prattikabbli, u għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha flimkien mar-raġunijiet tagħha li jkunu jimmotivaw dik id-deċiżjoni fi żmien erba' xhur minn meta jiġu riċevuti d-dokumenti rilevanti.

(2) Għandu jkun hemm disponibbli rimedju għall-applikant kontra tali deċiżjoni quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki stabbilit taħt l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki.

Ko-operazzjoni bejn l-awtorità nominata u l-korp li jkun kontroparti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim u l-awtorità nominata u konfidenzjalità.

12. (1) Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u sabiex jipprevjeni li dawn il-provvedimenti jiġu applikati ħażin għall-fini unika li wieħed jaħrab b'qerq mir-regoli applikabbli f'Malta, l-awtorità nominata u l-korp li jkun kontroparti fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim, għandhom jikkollaboraw mill-qrib u jagħtu lil xulxin kull assistenza reċiproka oħra.

(2) Iż-żewġ awtoritajiet imsemmija fis-subregolament (1) għandhom iżommu kull informazzjoni skambjata bejniethom bħala waħda konfidenzjali.